NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Marzu - April 2007

Nru 155

# "AMBJENT LI HU TAGĦKOM"

*Mons. Ġuzeppi Farrugia*

## Intervista ma' l-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia fl-okkażjoni ta' l-attività *Merħba f'Darna* u l-manutenzjoni li qed issir fil-bażilika ta' San Ġorġ

**X'kien l-iskop ta' din l-*open day* u l-attività *Merħba f'Darna*?**

L-idea ssemmiet waqt laqgħa tal-Kunsill Amministrattiv fil-kuntest ta' osservazzjoni tajba li saret, jiġifieri, li għadd kbir ta' parruċċani, saħansitra benefatturi, qatt ma żaru l-post li nbena u ma jafux x'xogħlijiet kbar li saru. Lil dawn għandha ssirilhom stedina speċjali biex jiġu San Ġorġ ħalli jaraw x'sar f'dawn is-snin ta' ħidma u x'sar bil-flus li ngabru. Dawn għandhom iħossuhom li qed iżuru ambjent li hu tagħhom. Hu għalhekk li l-attività ġiet intitolata "merħba f'darna".

**X'kien l-iskop li jinbena dan iċ-Ċentru Parrokkjali u kif nibtet l-idea ta' din il-binja?**

L-iskop taċ-Ċentru Parrokkjali hu dak li kellhom l-arċiprieti ta' qabli, Mons. Emanuel Mercieca u Mons. Salv Borg, li t-tnejn, bil-mod partikulari tagħhom, ħadmu biex San Ġorġ ikollu ċentru parrokkjali xieraq għall-ħidma tiegħu bħala parroċċa ħajja u moderna. Fl-1998 jiena, sostnut mill-arċipriet ta' qabli u kollaboraturi oħra li f'San Ġorġ qatt ma naqsu, tajt imbuttatura biex il-proġett mibdi fl-1976 jitkompla b'ideat ġodda u skond viżjoni rinnovata u adatta għat-Tielet Millennju Kristjan li kien fuq ix-xefaq.

**Issa għaddew is-snin min mindu tqiegħdet l-ewwel ġebla. X'inbena sa issa, u x'fadal isir?**

Ma tantx għaddew snin. Eżattament sitta. Ħafna minn dak li sar jidher, imma hemm ċertu xogħol bħal, b'eżempju, il-bdil tas-saqaf tas-sagristija (il-lum l-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*) li swielna fuq l-Lm4000 u x-xogħol konness mat-trasferiment tal-kassarizzi l-qodma għal ġos-sala li kienet tissejjaħ "l-Oratorju" u l-lum hi s-Sagristija l-Kbira li ma tantx jidher. Il-bini ġdid li sar sa issa jinkludi l-Uffiċċju Parrokkjali l-ġdid (2000), xogħlijiet f'numru ta' swali eżistenti u bini ta' sagristija ġdida (2001-3), il-Kjostru neo-Romaniku (2002), id-Dar Parrokkjali għas-Saċerdoti (2003) u l-Kappella neo-Biżantina annessa mal-bażilika (2004). Sar bini ieħor, inklużi l-istazzjonijiet tar-radju, fid-Dar *Leħen il-Belt Victoria* li kienet imħollija lil San Ġorġ mill-mibki Mons. Giovanni Frendo.

**Nafu li dan l-bini jinvolvi ħafna xogħol, u dan jiddependi minn nies li b'xi mod jew ieħor jagħtu daqqa ta' id. Kif sibt l-għajnuna tal-parruċċani, u mhux biss, meta ħabbart dan l-proġett?**

Kif diġà għidt, San Ġorġ qatt ma kienet imċaħħad minn bosta kollaboraturi, għalkemm qatt ma kienu biżżejjed. Il-kollaboraturi, li *by definition* huma

*Ikompli f'paġna 4 isfel...*

**Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd. VIVA SAN ĠORĠ**





Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

**Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali**

09-02-2007 **Francesca**, bint Frankie Attard u Josephine Attard
17-03-2007 **Mariah**, bint Josef Galea u Marion Portelli
18-03-2007 **Beyonce Anne**, bint Joseph Tabone u Naomi Ramos
08-04-2007 **George Andrè**, iben Noel Mercieca u Andrea Mejlak

**Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt**

23-03-2007 **Maria Rita Cefai**
24-03-2007 **Vincenza Zammit**
27-03-2007 **Matthew Falzon**
27-03-2007 **Elizabeth Camilleri**
30-03-2007 **Concetta Apap**

**IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ:**

# www.stgeorge.org.mt

- Idħlu fiha ħa tkunu tafu x'inhu jiġri fil-Parroċċa tagħkom.
- Għadduha lil xulxin u agħtuha lill-emigranti li għandkom.
- Ibagħtu messaġġi fuqha permezz tal-Guestbook.
- Agħtu s-suġġerimenti tagħkom biex titjieb.
- Qed tiġi "updated" regolarment, diversi drabi fil-ġimgħa.

*nifirħu lil...*

- **Josette Vassallo**, li ġiet magħżula bħala l-presidenta tal-*Ladies Society*.
- **Anthony Zammit** u **Amy Attard** li ngħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ nhar il-Ħadd 15 ta' April 2007 fil-bażilika ta' San Ġorġ.

*nirringrazzjaw lil...*

- **Joe Zammit** li pprovda r-ritratt tal-faċċata.

# *Editorjal*

## Merħba f'darna – għinuna ngħinukom

Għeżież membri tal-parroċċa tagħna, nilqgħu lilkom u lill-familji tagħkom ġewwa d-dar tagħna lkoll! Għax iva, dan il-post huwa tagħna lkoll għax aħna bnejnieh. Kulħadd, mill-kbir saż-żgħir, pensjonati u ħaddiema, anzjani u żgħażagħ, kulħadd jgħin kif jista'. Għandna l-opportunità li lkoll nistgħu naraw b'għajnejna x-xogħol li sar sa issa... kumpless modern mgħammar biex jaqdi l-ħtiġijiet tal-lum, ħtiġijiet li s-soċjetà tagħna għandha bżonn mill-Knisja: pariri mis-saċerdoti tagħha, opportunità ta' adorazzjoni perpetwa, qassisin joffru servizzi bħas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni u oħrajn, il-mużew tal-bażilika, residenza permanenti għall-qassisin tal-paroċċa, u oħrajn. Dan kollu sa nkunu nistgħu ngawduh dalwaqt. Uħud minn dawn diġà nistgħu ngawduhom, imma l-bini u t-tisbiħ għadu għaddej. Niftakru ħaġa waħda: il-finanzi kollha jiġu minn għotjiet mingħand in-nies. L-ispejjeż huma kbar, u daqshekk ieħor nixtiquha tkun il-ġenerożità tan-nies.

Minbarra l-bini li għaddej fiċ-ċentru parrokkjali, bħalissa qed isir rinnovament fil-bażilika. Is-sistema tad-dawl u ta' l-*audio* sa tkun mibdula. Il-pjanti huma lesti u issa daqt tibda l-fażi li jmiss, jiġifieri dik ta' l-istallazzjoni tas-sistemi tad-dawl u ta' l-ilma. Is-somma tħabbret u, biex l-istallazzjoni u l-proġett ikunu lesti, hemm bżonn li kulħadd jagħti daqqa t'id. Dawn l-proġetti mhux qed isiru b'kapriċċ – aħna lkoll nafu li l-bażilika Ġorġjana hija l-aktar waħda popolari u mfittxija mill-Għawdxin, Maltin u turisti. Irridu nkunu dejjem ta' servizz lill-membri tal-parroċċa u lil dawk kollha li jżuruna.

Għinuna ngħinukom...

**Andrew Formosa**
ilbeltvictoria@yahoo.com
*Editur*

# *Messaġġ mill-Arċipriet*

**Mons. Ġużeppi Farrugia**

info@stgeorge.org.mt



Għeżież parruċċani,

Irrid nagħmlilkom stedina. Imma qabel nixtieq nifraħ u naqsam xi ħsibijiet magħkom.

Il-bażilika ta' San Ġorġ iċċelebrat bl-aqwa tal-ħila tagħha l-festi kbar ta' l-Għid il-Kbir. Ġmiel fil-knisja, popli kbar minn kullimkien u ċelebrazzjonijiet interni li ma jagħmlux għajb lill-aqwa katidrali tad-dinja Kattolika. Il-bażilika Ġorġjana, magħrufa minn tant bħala knisja li fiha l-liturġija ssir b'devozzjoni, reqqa u splendur, żammet it-tradizzjoni venerabbli tagħha.

Taw l-ogħla kontribut għal dan il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-Kor *Laudate Pueri* tagħna kif ukoll il-korijiet mistiedna tiegħu mill-Ingilterra, ta' *Ampleforth Abbey* u ta' *Canterbury Cathedral.*

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, bis-sehem tal-banda *La Stella,* ukoll ħalliet impressjonijiet mill-aqwa ta' devozzjoni, parteċipazzjoni u organizzazzjoni perfetta. Filwaqt li nifirħu għal dak li, bil-grazzja ta' Alla u b'wirt għażiż tal-Fidi Kattolika, aħna u għandna nħarsu 'l quddiem, jiġifieri lejn il-ġejjieni qarib u dak imbiegħed.

Dan il-ġejjieni jimpenjana fil-ħidmiet ta' evanġelizzazzjoni, katekeżi u liturġija, ħidmiet li jitolbu mħabba lejn is-Sid Divin u lejn il-Knisja, u jitolbu wkoll ħsieb, dedikazzjoni u sagrifiċċju minna s-saċerdoti u mil-lajċi. Dawn ta' l-aħħar huma mistennija jagħtu sehem dejjem aktar kbir fil-ħajja tal-parroċċa. Hekk kif jgħaddu l-jiem tat-tberik tal-familji, aħna li nikkollaboraw ġo San Ġorġ irridu niltaqgħu ras imb'ras u nxammru dirgħajna mill-ġdid għal dan ix-xogħol importantissmu.

Għandna xogħol ieħor għaddej: dak marbut mal-proġetti kbar infra strutturali: it-tagħmir tad-Dar Parrokkjali u l-inawgurazzjoni tagħha, it-tkomplija tal-kappella Bizantina u t-translazzjoni tas-Santissmu Sagrament fiha, il-bidu tax-xogħlijiet fuq is-sit tal-mużew il-ġdid tal-bażilika, it-tlestija ta' l-installazzjoni l-ġdida ta' l-elettriku kif ukoll l-illuminazzjoni l-ġdida u s-*sound amplification* ġdid fil-knisja. Stedina. F'April u Mejju sa jkollna opportunitajiet importanti biex jiena, bħala arċipriet, flimkien mal-kollaboraturi fil-parroċċa, nilqgħukom f'darna lkoll u nurukom u nfissrulkom x-xogħol ta' bini kbir li sar f'dawn l-aħħar sitta seba' snin. Il-jiem sa jkunu dawk ta' l-*open days, Merħba f'Darna* f'April u ta' lejlet Lapsi, *Notte Gozitana* f'Mejju.

L-ewwel jiem huma dawk ta' l-*open days* meta San Ġorġ sa jagħtina "merħba f'darna", jiġifieri s-Sibt u l-Ħadd, 21 u 22 ta' April. Dak il-*weekend* min soltu jiġi jisma' l-quddies San Ġorġ m'għandux jonqos li jiġi San Ġorġ, u min soltu jisma' l-quddies band'oħra għandu jiġi San Ġorġ biex wara kull quddiesa jkun jista' jiġi akkumpanjat f'dawra maċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid. Ejjew oqogħdu!

Ejjew oqogħdu wkoll, sintendi, nhar it-Tnejn, 23 ta' April, meta l-Knisja tiċċelebra l-festa ta' San Ġorġ Martri, "il-festa li hi marbuta mal-ferħ u l-glorja ta' l-Għid qisha ħaġra prezzjuża tleqq li bi ġmielha tkompli ssebbaħ id-deheb li tkun ingastata fih". Fil-paġni kollha ta' l-Uffiċċju tal-Qari tal-qaddisin m'hemmx kliem isbaħ minn dan li l-Knisja tgħid dwar San Ġorġ fil-jum tat-23 ta' April.

**Tabilħaqq, ejjew oqogħdu!**

MERĦBA f'darna

21-23 April 2007

Ċentru Parrokkjali - Bażilika San Ġorġ, BELT VICTORIA

*...ikompli mill-ewwel paġna.*



*Il-kamra ta' l-ikel, parti mil-bini l-ġdid taċ-ċentru parrokkjali. Sal-lum intużat għal diversi okkażjonijiet fosthom għall-ikla mogħtija lil Mons. Isqof Mario Grech, lill-Kor 'Laudate Pueri' u lill-kollaboraturi tar-radju 'Leħen il-Belt Victoria'.*

benefatturi tal-parroċċa, għenu billi fehmu l-ħtieġa ta' dak li sar u qed isir, billi taw kontribuzzjonijiet ta' flus u billi offrew kollaborazzjoni professjonali bla ħlas. Fost dawn il-kollaboraturi hemm għadd żgħir ta' benefatturi eċċezzjonali li għenu b'dedikazzjoni, intelliġenza, azzjoni effettiva u sagrifiċċju minnhom infushom u mill-familji rispettivi tagħhom.

**Biex tinbena binja bħal din, żgur li nqagħluw diversi problemi u ntoppi. X'kienu dawn id-diffikultajiet?**

Id-diffikultajiet tekniċi u finanzjarji kienu numerużi imma dawn qatt ma qatgħuli qalbi. Li forsi ħassbuni xi ftit kienu ċerti attitudnijiet ta' skambju uman imma dawn kważi dejjem kienu mumentarji. Għall-bqija d-diffikultajiet kienu dawk li tiltaqa' magħhom f'kull qasam ta' kostruzzjoni f'siti ta' importanza arkeoloġika u ta' spazju ristrett ħafna bħalma hu ċ-ċentru storiku tar-Rabat. Imma d-diffikultajiet ma tridx tarahom weħidhom imma trid tarahom fil-kuntest ta' għadd kbir ta' għajnuniet, grazzji u barkiet.



*Il-kjostru, il-qalba taċ-ċentru parrokkjali.*



Parti mill-bini l-ġdid taċ-ċentru parrokkjali, fejn jinżammu laqgħat kif ukoll taħdidiet.

**Minbarra l-bini taċ-Ċentru Parrokkjali, fil-bażilika qed isir xogħol kbir ta' manutenzjoni u tibdil tas-sistema tad-dawl. Kemm taħseb li huwa importanti dan it-tibdil, aktar u aktar f'din il-bażilika li tant iżuruha nies.**

Tant huwa importanti li x-xogħol ta' manutenzjoni u tiġdid li qed issemmi ma stajniex nippostponuh. Kollox donnu li ġie f'daqqa: is-sistema ta' l-elettriku bdiet taqta' ta' sikwit, b'nar ħiereġ mill-*wiring* tal-brazzi u b'sezzjonijiet tal-knisja mdallma. Barra minn hekk waqt li konna qed inħejju għal sistema ġdida ta' elettriku, intbaħna li l-irħam dekorattiv kważi spiċċa. Jiena ma stajtx ninjora r-responsabbiltà li għandna li jkollna sistema ta' l-elettriku li tkun *safe*, prattika, moderna, adattata għall-funzjonijiet liturġiċi tal-bażilika, għall-attivitajiet kulturali fil-knisja u għat-turisti li jżuruha.

**Dan ix-xogħol kollu jirrikjedi ħafna appoġġ finanzjarju. M'ilux tħabbret li s-somma għall-installazzjoni ta' sistema ġdida ta' l-elettriku u mikrofoni, u għar-restawr ta' l-irħam hi kkalkulata li sa titla' għal Lm60,000. San Ġorġ jista' jlaħħaq ma' dawn il-flejjes meħtieġa?**

Dan hu xogħol li jitlob infiq kapitali u mhux kurrenti jew ripetibbli għax appuntu hu xogħol li jsir darba! Mill-mument li fih il-bini li sar jitħallas, jew mill-mument li fih il-*fittings* li sa jinġiebu mill-Italja jitħallsu, eċċ, dak li tħallas mhux sa jerġa' jitħallas. Aħna dan nafuh u jagħmlilna kuraġġ inkomplu fit-tama li n-nies tifhem li, jekk Alla jrid, dak kollu li sar u qed isir sa jibqa' 'għal dejjem'. Il-Providenza Divina m'hix ħa tabbanduna parroċċi żgħar bħal tagħna. Għalhekk m'hix kwistjoni ta' San Ġorġ hux sa jlaħħaq jew le, imma bil-maqlub: hi kwistjoni ta' mħabba lejn il-Knisja li m'għandiex limitu ta' ġografija jew żmien.

Nieħu l-okkażjoni biex nistieden bil-qalb lil dawk kollha li huma interessati li jaraw fejn marru flushom biex jiġu San Ġorġ fil-21 u t-22 tax-xahar kurrenti ħa nifirħu ma' xulxin b'dak kollu li sar u qed isir. •

# Pjanti tas-sistema ġdida ta' illuminazzjoni fil-bażilika ta' San Ġorġ, iddisinjati min Stefano dall'Osso.



GENERAL PLAN



PLAN OF DOME



Section C-C'



Section A-A'



Section B-B'

# Mid-Djarju tal-Parroċċa

**21 ta' Frar 2007:** Konċelebrazzjoni Solenni ta' l-Erbgħa ta' l-Irmied immexxija mill-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia li tagħat bidu għażżmien liturġiku tar-Randan.

**25 ta' Frar 2007:** L-Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi jngħata l-unur ta' l-*Gran Croce* mill-Ordni Sovran Militari ta' Malta waqt konċelebrazzjoni fil-bażilika ta' San Ġorġ.

**26 ta' Frar 2007:** L-Isqof Emeritu Nikol Ġ. Cauchi jibda l-eżerċizzi għal-kulħadd fil-bażilika.

**5 ta' Marzu 2007:** Bidu ta' l-eżerċizzi għall-koppji miżżewgin min Mons. Isqof Mario Grech.

**12 ta' Marzu 2007:** Bidu ta' l-eżerċizzi għażżgħażagħ tal-parroċċa mill-kappillan Dun Tonio Galea.

**14 ta' Marzu 2007:** Jintqiegħed il-paviment tal-kappella neo-biżantina.

**17 ta' Marzu 2007:** Stefano Dall'Osso (id-disinjatur tas-sistema ġdida tad-dawl) jiltaqa' mal-kunsill amministrattiv u jispjega il-proċess ta' l-installazjoni tad-dawl.

**19 ta' Marzu 2007:** Solennità ta' San Ġużepp. Fil-bażilika l-quddies isir bħall-Ħadd filwaqt li fis-9am issir konċelebrazzjoni mmexxija mill-arċipriet. Fis-7.30pm jiftaħ ir-raba kors ta' l-eżerċizzi tar-Randan għal kulħadd minn Dun Anton Theuma.

**24 ta' Marzu 2007:** Bazaar ta' figolli u affarijiet abbinati mal-festi ta' l-Għid organizzat mil-*Ladies Society* ġewwa l-ewwel sular tal-bini tar-radju *Leħen il-Belt Victoria.*

**26 ta' Marzu 2007:** L-aħħar kors ta' l-eżerċizzi tar-Randan mid-djaknu Michael Curmi għat-tfal tal-parroċċa.

**1 ta' April 2007:** *Ampleforth Girls' Schola* janimaw il-quddiesa tas-7pm.

**5 ta' April 2007:** Ċelebrazzjoni ta' Ħamis ix-Xirka fil-5pm fejn tagħat bidu għall-funzjoni penitenzjali. Fost l-oħrajn sari l-ħasil ta' l-idejn u amministrat is-sagrament tat-tqarbin. Wara, iġifieri fis-6.30pm bdiet il-purċissjoni devozzjonali u tradizzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira li għaddiet mit-toroq tal-Belt Victoria.

**6 ta' April 2007:** Il-frattelanza tal-kurċifiss tmexxi is-seba visti mal-kappelli u l-knejjes li jinsabu fil-Belt Victoria fid-9am. Mbgħad wara, fl-4pm, bdiet iċ-ċelebrazzjoni penitenzjali li tfakkar fil-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu.

**7 ta' April 2007:** Vġili ta'l-Għid il-Kbir iċċelebrat fil-bażilika Ġorġjana fit-8pm fejn sar it-tberik tan-nar il-ġdid u it-tigdid tal-wegħdiet tal-magħmudija.

**8 ta' April 2007:** Dimostrazzjoni popolari bl-istatwa ta' Kristu Rxoxt li ħarġet mil-bażilika fit 8.30am. Ezzatament wara, iġifieri fil-11am ingħatat bidu għall-konċelebbrazzjoni pontifikali ippreseduta mill-isqof u dekan tal-Kolleġjata, Mons. Mario Grech.

---

# Attivitajiet mħabbra

**29 ta' April 2007:** Konċelebbrazzjoni Solenni ta' l-Ewwel Tqarbina fil-11am.

**6 ta' Mejju 2007:** Konċelebbrazzjoni Solenni tal-Griżma ta' l-Isqof fil-11am.

**10 ta' Mejju 2007:** L-Ewwel Ħamis ta' San Ġorġ. Konċelebbrazzjoni Solenni fis-6pm.

**13 ta' Mejju 2007:** Solennità tal-Kwaranturi. Fil-5pm Konċelebbrazzjoni Pontifikali u wara, Purċissjoni Pontifikali bis-Santissmu Sagrament.

**Fil-Ħarġa li jmiss**

**Rapport finanzjarju ta' l-infieq u d-dħul tal-bażilika fl-aħħar sena.**

# Rokna għat-Tfal

Kif intom għeżież tfal! Nittama li tinsabu tajbin. Għaddew il-vaganzi ta' l-Għid u ninsabu niċċelebraw il-festa liturġika ta' San Ġorġ. Min jaf kemm ilkom tistennewha! Min jaf kemm emigranti jkunu jixtiequ jkunu magħna f'dawn il-ġranet biex jifirħu magħna! Ta' l-anqas il-lum għandna l-istazzjon tar-radju tagħna, *Leħen il-Belt Victoria* li jgħaqqadna magħhom. Kemm għandna għax ngħidulu 'grazzi' lill-arċipriet li kien hu li twebbel li l-parroċċa tagħna jkollha r-radju tal-komunità li l-lum sar ħaġa waħda mill-ħajja tal-parroċċa.

L-arċipriet ħasbilna mhux biss għar-radju imma wkoll għal ħafna affarijiet oħra. Kien bis-saħħa tiegħu li l-lum għandna din id-Dar tal-Parroċċa, iċ-Ċentru Parrokkjali, Kappella Biżantina daqstant sabiħa u devota u tant ħwejjeġ oħra ta' użu u ħtieġa għall-parruċċani kollha. Naħseb li tafu wkoll li stinka kemm felaħ biex is-sistema tad-dawl fil-knisja tagħna tinbidel minn waħda antika għal waħda issa iktar moderna u ta' min jorbot fuqha. Bla dubju prosit u grazzi lill-familji kollha tagħna li dejjem jisimgħu l-appelli li jagħmlilhom l-arċipriet biex jgħinu mill-aħjar li jistgħu biex isir dan kollu. Għax l-arċipriet x'jista' jagħmel waħdu jekk ma ngħinuhx aħna! Għalhekk ejjew inkomplu ngħinuh mill-aħjar li nistgħu. Anke intom, għalkemm ma taqilgħux flus tistgħu tgħinu biex l-affarijiet jirnexxu. Kif! Billi titolbu. Xi darba tistgħu wkoll tiċċaħħdu minn xi ħaġa tajba u l-flus li ma tonfqux, titfgħuhom f'xi kaxxa fil-knisja tagħna.

Intant, naħseb li xi ftit minnkom wasaltu biex tirċievu l-Ewwel Tqarbina u oħrajn sa jieħdu l-Griżma ta' l-Isqof. Ta' spiss narakom tiġu għal-laqgħat. Importanti li teħduhom bis-serjetà u ġġibu ruħkom dejjem sewwa. Ħadt gost nara ħafna minnkom jiġu għall-Eżerċizzi li għamlilkom id-Djaknu Michael Curmi. It-tagħlim huwa l-għajn ta' kull ġid. Hekk kien jgħid l-Beatu Dun Ġorġ Preca li kif tafu nhar il-Ħadd 3 ta' Ġunju sa jsir qaddis. Min jaf hemmx xi ħadd fostkom li sa jmur Ruma mal-familja tiegħu għal din il-festa hekk kbira! Iktbuli jekk xi ħadd ikun mar meta tiġu lura ħalli ngħidu lil sħabkom b'din l-esperjenza sabiħa. Ċert li ħafna minnkom imorru l-Mużew. Naf kemm jaħdem is-Superjur Pawlu Grech u fil-Qasam tal-Bniet is-Superjura Pauline Grech u sħabha. Komplu morru tgħallmu anke wara li tkunu rċevejtu s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof.

Intant il-lum sa nieqaf hawn. Iż-żmien jitgerbeb malajr u dalwaqt issibu wara l-bieb l-eżamijiet ta' l-aħħar tas-sena skolastika. Mela titilfux ħin ħalli ma jiddisjpjaċikomx!

Il-kompetizzjoni: Nixtieq inkun naf minn għandkom meta twieled u meta miet Dun Ġorġ Preca, u x'kien jismu l-ewwel Superjur Ġenerali tal-Mużew li tant kien qrib u ħabib ta' Dun Ġorġ.

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'dan l-indirizz: **'Marjos', Triq Sir Paul Boffa, Victoria, VCT 2111, Għawdex.** Żmien għandkom sa ħmistax wara li tkunu rċevejtu r-rivista. Ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-*Klabb Kotba Maltin* jitla' bix-xorti fost dawk li jkunu bagħtu t-tweġibiet kollha tajba.

*Iz-Ziju Joe*

# Qaddisin "Ġorġjani" (8)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-Tempju ddedikat lilu*

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

## San Girgor ta' Tours

*(tifkira liturġika fis-17 ta' Novembru)*

Il-franċiż Ġorġ Florentius twieled għall-ħabta tas-sena 540 ġo familja nobbli bi storja twila u sabiħa - fost niesu nsibu mexxejja u martri, flimkien ma' almenu ħames isqfijiet magħduda mal-qaddisin. Infatti meta nħatar isqof hu, ħa l-isem ta' wieħed minnhom. Ommu romlot kmieni u liċ-ċkejken Ġorġ ħa ħsiebu ziju isqof li rawwam fih l-imħabba għat-tagħlim. Meta kiber, wara fejqan magħdud mirakuluż, kien ta' spiss jikkwota d-diversi kotba li qara. Fost dawn kellha post prominenti l-Bibbja u studji dwarha.

Ġie ordnat djaknu ta' xi 25; mill-ewwel ħa isem ta' bniedem għaref u qaddis. U malli miet l-isqof ta' Tours (li kien kuġinuh), inħatar hu. Ma kinux żminijiet faċli, la mil-lat politiku u l-anqas mil-lat soċjali; allura l-isqof il-ġdid kellu juri ħafna għaqal, tant li rċieva bosta tifħir, fosthom minn San Girgor il-Kbir. Bħala suċċessur ta' San Martin, kien responsabbli għall-famuż qabar tiegħu popolari mal-pellegrini.

Kiteb u għallem ħafna u, sa meta miet fis-sena 594, laħaq ġabar l-istorja tal-perjodu Merovinġjan *Historia Francorum*. Dak li ġibt fis-seba' numru ta' dis-sensiela dwar Santa Klotilda nafuh minnu. Ħallielna wkoll "il-Glorja tal-Martri" mimli bi ġrajjiet u mirakli. Hawn insibu iktar minn riferenza waħda għal San Ġorġ, fosthom dwar grazzji maqlugħa minn relikwi tiegħu f'diversi knejjes. Jagħti importanza lir-raħal ta' Saint-Martin-des-Bois fl-inħawi ta' Le Mans, b'fejqan per eżempju ta' l-għomja u z-zopop. Inżid li dan ir-raħal żviluppa madwar l-abbazija ta' San Ġorġ, il-lum biss kastell. L-arma jew stemma turi appuntu lil San Ġorġ, flimkien ma' simboli konnessi ma' San Martin (u San Pietru, li kien il-patrun preċedenti tal-lokalità).



# Mid-Djarju tal-Parroċċa









1. Purċissjoni ta' Ħadd il-Palm mill-Knisja ta' San Ġakbu lejn il-bażilika ta' San Ġorġ.
2. Is-Sepulkru tal-bażilika ta' San Ġorġ.
3. Il-purċissjoni penitenzjali tradizzjonali tal-Ġimgħa l-Kbira ħierġa mill-bażilika ta' San Ġorġ.
4. Id-dimostrazzjoni reliġjuża ta' Kristu Rxoxt.


MERĦBA
f'darna

# 21 - 23
# t'April 2007

**Ċentru Parrokkjali**
**Bażilika San Ġorġ,**
BELT VICTORIA